MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 528/2006

**David Ellis (ID Nru 418390M) bhala Bursar, ghan-nom u in rappresentanza ta' St. Edwards College**

**Vs**

**Victor u Pauline konjugi Waricker**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf mija u ghaxar liri Maltin (Lm1,110) rapprezentanti arretrati ta' mizati ghas-servizz ta' taghlim debitament moghti lilhom mill-iskola St Edwards College bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati naqsu milli jipprezentaw Risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Simon Galea Testaferrata li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta debitament ippruvat illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici kien u ghadu dovut u konsegwentement it-talba attrici kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ elf mija u ghaxar liri Maltin (Lm1,110) bl-imghax legali b’effett mit-18 ta’ Lulju, 2006.  L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenuti.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------